Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0555(COD)

19.5.2026

EMENDI
3062 - 3323

Abbozz ta' rapport
Christian Ehler, Dan Nica
(PE784.506v01-00)

L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża

Proposta għal regolament
(COM(2025)0555 – 2025/0555(COD))

Emenda 3062
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.	1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva***, inkluż għall-fini li jiġu stabbiliti, ġestiti u miżmuma riżervi ta' prontezza industrijali fil-qasam tad-difiża skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2025/2643***.

Or. en

Emenda 3063
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Programm*** għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża	1. ***Il-FEK*** għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà ***u fit-titjib*** tal-kapaċitajiet ta' difiża, ***fi kwalunkwe punt fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom*** u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir

kollettiva.	meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.

Or. en

Emenda 3064
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Romana Jerković, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.	1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża ***u bijodifiża***, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi mill-ġdid l-emendi adottati fl-opinjoni tal-Kumitat SANT.

Emenda 3065
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-	1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-

pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.	pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża ***u b'użu doppju***, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.

Or. en

Emenda 3066
Ondřej Krutílek, Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.	1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni, fl-akkwist, fil-manutenzjoni u fid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' difiża ***u ta' użu doppju***, u b'hekk inaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza tad-difiża kollettiva.

Or. en

Emenda 3067
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1a. L-azzjonijiet ta' akkwist komuni għandhom jitwettqu minn: (a) konsorzju ta' entitajiet legali li jinkludi mill-inqas tliet entitajiet minn tal-inqas tliet Stati Membri jew pajjiżi terzi assoċjati li mill-inqas tnejn minnhom għandhom ikunu awtoritajiet kontraenti ta' żewġ Stati Membri differenti; jew (b) SEAP.

Or. en

Emenda 3068
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-azzjonijiet ta' akkwist komuni għandhom jitwettqu minn: (a) konsorzju ta' entitajiet legali li jinkludi mill-inqas tliet entitajiet minn tal-inqas tliet Stati Membri jew pajjiżi terzi assoċjati li mill-inqas tnejn minnhom għandhom ikunu awtoritajiet kontraenti ta' żewġ Stati Membri differenti; jew (b) SEAP.

Or. en

Emenda 3069
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-FEK jista' jkopri l-akkwist konġunt kif imsemmi fl-Artikolu 15(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2025/2643 [EDIP], sal-ammont li jikkorrispondi għall-partijiet tal-kuntratt dwar il-kostijiet

mhux rikorrenti, inkluża r-riżerva tal-kapaċitajiet tal-manifattura.

Or. en

Emenda 3070
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-FEK jista' jkopri l-akkwist konġunt kif imsemmi fl-Artikolu 15(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2025/2643 [EDIP], sal-ammont li jikkorrispondi għall-partijiet tal-kuntratt dwar il-kostijiet mhux rikorrenti, inkluża r-riżerva tal-kapaċitajiet tal-manifattura.

Or. en

Emenda 3071
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u	2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni***, inkluż, għal azzjonijiet li jinvolvu kapaċitajiet b'użu doppju bbażati fl-ispazju u servizzi, terminals jew riċevituri relatati derivati minn komponenti spazjali tal-Unjoni, l-Aġenzija[1a] bħala aġent tal-akkwist u operazzjonali għal attivitajiet relatati mas-servizz spazjali***. L-aġent għandu, b'mod

jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.

partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.

[1a] L-"Aġenzija" tirreferi għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

Or. en

Emenda 3072
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.	2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni***, inkluż, għal azzjonijiet li jinvolvu kapaċitajiet b'użu doppju bbażati fl-ispazju u servizzi, terminals jew riċevituri relatati derivati minn komponenti spazjali tal-Unjoni, l-Aġenzija (EUSPA) bħala aġent tal-akkwist u operazzjonali għal attivitajiet relatati mas-servizz spazjali***. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk

ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.

Or. en

Emenda 3073
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.	2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni***, inkluż, għal azzjonijiet li jinvolvu kapaċitajiet b'użu doppju bbażati fl-ispazju u servizzi, terminals jew riċevituri relatati derivati minn komponenti spazjali tal-Unjoni, l-Aġenzija bħala aġent tal-akkwist u operazzjonali għal attivitajiet relatati mas-servizz spazjali***. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi mill-Programm u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.

Or. en

Emenda 3074
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi ***mill-Programm*** u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.	2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità legali eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent ***tal-akkwist*** għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju, u jista' għalhekk ikun kapaċi jiġġestixxi u jikkombina fondi ***mill-FEK*** u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.

Or. en

Emenda 3075
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-aġent għandu japplika fil-proċeduri ta' akkwist u tal-kuntratti tiegħu kriterji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 51 għall-proċeduri ta' akkwist u l-kuntratti tiegħu mal-kuntratturi, u jeħtieġ fis-sejħa għall-offerti li dawn il-kriterji jiġu applikati għas-sottokuntratturi.	3. L-aġent ***tal-akkwist*** għandu japplika fil-proċeduri ta' akkwist u tal-kuntratti tiegħu kriterji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 51 għall-proċeduri ta' akkwist u l-kuntratti tiegħu mal-kuntratturi, u jeħtieġ fis-sejħa għall-offerti li dawn il-kriterji jiġu applikati għas-sottokuntratturi.

Or. en

Emenda 3076
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Kwalunkwe kuntratt li jirriżulta minn azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw ix-xiri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal Stati Membri oħra, pajjiżi assoċjati jew l-Ukrajna.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3077
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Kwalunkwe kuntratt li jirriżulta minn azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw ix-xiri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal Stati Membri ***oħra,*** pajjiżi assoċjati ***jew l-Ukrajna***.	5. Kwalunkwe kuntratt li jirriżulta minn azzjoni relatata mal-akkwist, il-manutenzjoni u d-disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw ix-xiri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal Stati Membri ***jew*** pajjiżi assoċjati ***oħra***.

Or. en

Emenda 3078
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Qabel ma jniedi proċedura ta'

akkwist għal azzjoni ta' akkwist komuni, l-aġent għandu jinforma lill-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-proċedura ppjanata u jagħtihom l-opportunità li jippreżentaw, fi żmien raġonevoli, talba sostanzjata lill-aġent biex jixtri kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għalihom. Jekk tiġi ppreżentata tali talba, il-kuntratt ta' akkwist komuni għandu jirriżerva d-dritt tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti li jixtru kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal tali Stati Membri, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali relatati mal-esportazzjoni ta' prodotti tad-difiża.

Or. en

Emenda 3079
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Qabel ma jniedi proċedura ta' akkwist għal azzjoni ta' akkwist komuni, l-aġent għandu jinforma lill-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-proċedura ppjanata u jagħtihom l-opportunità li jippreżentaw, fi żmien raġonevoli, talba sostanzjata lill-aġent biex jixtri kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għalihom. Jekk tiġi ppreżentata tali talba, il-kuntratt ta' akkwist komuni għandu jirriżerva d-dritt tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti li jixtru kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal tali Stati Membri, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali relatati mal-esportazzjoni ta' prodotti tad-

difiża.

Or. en

Emenda 3080
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Qabel ma jniedi proċedura ta' akkwist għal azzjoni ta' akkwist komuni, l-aġent għandu jinforma lill-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-proċedura ppjanata u jagħtihom l-opportunità li jippreżentaw, fi żmien raġonevoli, talba sostanzjata lill-aġent biex jixtri kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għalihom. Jekk tiġi ppreżentata tali talba, il-kuntratt ta' akkwist komuni għandu jirriżerva d-dritt tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti li jixtru kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal dawn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 3081
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Qabel ma jniedi proċedura ta' akkwist għal azzjoni ta' akkwist komuni, l-aġent għandu, meta possibbli, jinforma wkoll lill-pajjiżi assoċjati u lill-Ukrajna dwar il-proċedura ppjanata u jagħtihom l-opportunità li jippreżentaw talba sostanzjata lill-aġent biex jixtri kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-

difiża għalihom. Jekk tiġi ppreżentata tali talba, il-kuntratt ta' akkwist komuni għandu jirriżerva d-dritt tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti li jixtru kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għall-pajjiżi assoċjati u l-Ukrajna.

Or. en

Emenda 3082
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Qabel ma jniedi proċedura ta' akkwist għal azzjoni ta' akkwist komuni, l-aġent għandu, meta possibbli, jinforma wkoll lill-pajjiżi assoċjati dwar il-proċedura ppjanata u jagħtihom l-opportunità li jippreżentaw talba sostanzjata lill-aġent biex jixtri kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għalihom. Jekk tiġi ppreżentata tali talba, il-kuntratt ta' akkwist komuni għandu jirriżerva d-dritt tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti li jixtru kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għall-pajjiżi assoċjati.

Or. en

Emenda 3083
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Qabel ma jniedi proċedura ta'

akkwist għal azzjoni ta' akkwist komuni, l-aġent għandu, meta possibbli, jinforma wkoll lill-pajjiżi assoċjati dwar il-proċedura ppjanata u jagħtihom l-opportunità li jippreżentaw talba sostanzjata lill-aġent biex jixtri kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għalihom. Jekk tiġi ppreżentata tali talba, il-kuntratt ta' akkwist komuni għandu jirriżerva d-dritt tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti li jixtru kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għall-pajjiżi assoċjati.

Or. en

Emenda 3084
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "aġent" tfisser awtorità kontraenti kif iddefinita fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat, ***l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, Struttura għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti*** jew organizzazzjoni internazzjonali u li hija ddeżinjata mill-Istati Membri***,*** mill-pajjiżi assoċjati ***jew mill-Ukrajna*** biex twettaq akkwist komuni f'isimhom.	6. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "aġent" tfisser awtorità kontraenti kif iddefinita fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat, ***l-EDA, SEAP*** jew organizzazzjoni internazzjonali u li hija ddeżinjata mill-Istati Membri ***jew*** mill-pajjiżi assoċjati biex twettaq akkwist komuni f'isimhom.

Or. en

Emenda 3085
Jens Gieseke, David McAllister

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***,*** ***kif ukoll assi ta' mobbiltà marittima bħal portijiet, bażijiet navali, infrastruttura għall-bini u t-tiswija tal-vapuri u ċentri loġistiċi***; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3086
Giorgio Gori

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***,*** ***kif ukoll assi ta' mobbiltà marittima bħal portijiet, bażijiet navali, infrastruttura għall-bini u t-tiswija tal-vapuri u ċentri loġistiċi***; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u

jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3087
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Merja Kyllönen, Nora Mebarek, Thomas Pellerin-Carlin, André Franqueira Rodrigues, Bruno Tobback, Tonino Picula

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***, kif ukoll assi ta' mobbiltà marittima bħal portijiet, bażijiet navali, infrastruttura għall-bini u t-tiswija tal-vapuri u ċentri loġistiċi***; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3088
Nicola Procaccini, Carlo Fidanza, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-

mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***, kif ukoll assi ta' mobbiltà marittima bħal portijiet, bażijiet navali, infrastruttura għall-bini u t-tiswija tal-vapuri u ċentri loġistiċi***; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3089
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura***, sistemi tal-ICT għat-trasport*** u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari ***u ċentri loġistiċi tul il-kurituri prijoritarji tal-mobbiltà militari***, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali ***u medika***, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3090
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***, bħal portijiet, bażijiet navali, infrastruttura għall-bini u t-tiswija tal-vapuri u ċentri loġistiċi***; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3091
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet ***relatati mat-titjib tal-mobbiltà*** militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-	1. ***Il-FEK għandu jappoġġa*** attivitajiet ***li jkollhom l-għan li jtejbu l-mobbiltà*** militari fl-Unjoni billi jiġi

militari, ***inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari***, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ***ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ*** għall-bażijiet militari, ***li jinkludu*** akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali**,** biex ***jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar*** ta' persunal militari fl-Istati Membri***; jistgħu jkopru***:

appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari***, faċilitanti, abilitanti u assistivi***, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' ***tali*** assi***, li jistgħu jinkludu tagħmir, infrastruttura u superstrutturi***. ***Jista' jiġi pprovdut ukoll appoġġ*** għall-bażijiet militari, ***inklużi*** akkomodazzjoni għal persunal militari***, ċentri loġistiċi li jkunu jinsabu tul kurituri prijoritarji tal-mobbiltà militari,*** u infrastruttura soċjali ***u medika***, ***fejn dan ikun meħtieġ*** biex ***iż-żieda fl-istazzjonar*** ta' persunal militari fl-Istati Membri ***tkun possibbli u sostnuta. Tali appoġġ jista' jkopri***:

Or. en

Emenda 3092
Bart Groothuis, João Cotrim De Figueiredo, Morten Løkkegaard, Yvan Verougstraete, Sophie Wilmès, Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Andreas Glück, Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***, u permezz tat-tisħiħ tal-faċilitajiet tal-portijiet u l-kapaċità ta' manutenzjoni navali***; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mobbiltà militari tiddependi mhux biss mill-infrastruttura tat-trasport ibbażata fuq l-art iżda anke fuq id-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-port u l-kapaċità ta' manutenzjoni navali. L-iskjerament u s-sostenn tal-forzi militari, b'mod partikolari b'appoġġ għan-naħa tal-Lvant tan-NATO, jirrikjedu portijiet funzjonali li kapaċi jirċievu u jwaqqfu tagħmir militari, kif ukoll kapaċità ta' manutenzjoni suffiċjenti biex tiġi żgurata l-prontezza operazzjonali tal-assi navali.

Emenda 3093
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***;*** dan jinkludi ***wkoll*** l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari***.*** Dan ***jista'*** jinkludi l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni ***temporanja u modulari*** għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; ***Dawn l-attivitajiet*** jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3094
Isabelle Le Callennec, François-Xavier Bellamy, Christophe Gomart, Nadine Morano, Paulo do Nascimento Cabral, Francisco José Millán Mon, Susana Solís Pérez, Carmen Crespo Díaz, Vangelis Meimarakis

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, ***portijiet u infrastrutturi marittimi,*** infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3095
Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:	1. Attivitajiet relatati mat-titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiġi appoġġat l-użu doppju ta' assi ċivili-militari, inklużi tagħmir, infrastruttura***,*** ***sistemi tal-ICT għat-trasport*** u sovrastrutturi, jiġu ffaċilitati, permessi u appoġġati l-movimenti militari u l-aċċess għall-kapaċitajiet ta' mobbiltà militari, inkluż, permezz tal-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni ta' assi ta' mobbiltà militari; dan jinkludi wkoll l-appoġġ għall-bażijiet militari, li jinkludu akkomodazzjoni għal persunal militari u infrastruttura soċjali, biex jippermettu u jsostnu aktar stazzjonar ta' persunal militari fl-Istati Membri; jistgħu jkopru:

Or. en

Emenda 3096
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) Attivitajiet spazjali ġodda relatati mas-sigurtà bħall-PNT, il-monitoraġġ tal-interferenza tal-frekwenza tar-radju, l-EOGS, il-komunikazzjonijiet siguri u l-ġbir tal-intelligence li jintegraw proġetti ewlenin ma' infrastruttura strateġika tat-trasport u tal-loġistika, bħall-kurituri tal-mobbiltà militari transfruntiera u l-infrastruttura b'użu doppju,

Or. en

Emenda 3097
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari**.**	(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari ***inklużi soluzzjonijiet ta' mobbiltà kollettiva bħall-ferroviji żviluppati fuq bażi ta' użu doppju;***

Or. en

Emenda 3098
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari.	(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari***, inkluż fir-rigward ta' proġetti u infrastruttura tat-trasport transfruntiera u fuq skala kbira***.

Or. en

Emenda 3099
Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari.	(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari***, inkluż permezz ta' loġistika u soluzzjonijiet ta' mobbiltà kollettiva bħall-ferrovija***.

Or. en

Emenda 3100
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà	(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà

militari.	militari***, inkluż permezz ta' loġistika u soluzzjonijiet ta' mobbiltà kollettiva bħall-ferrovija***.

Or. en

Emenda 3101
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari.	(a) L-inċentivar tal-akkwist ta' prodotti li jippermettu jew itejbu l-moviment, it-trasport, jew l-iskjerament ta' persunal, tagħmir jew provvisti militari, u jtejbu l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari ***inklużi soluzzjonijiet ta' mobbiltà kollettiva bħall-ferroviji żviluppati fuq bażi ta' użu doppju***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3102
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Attivitajiet spazjali ġodda relatati mas-sigurtà bħall-PNT, il-monitoraġġ tal-interferenza tal-frekwenza tar-radju, l-EOGS, il-komunikazzjonijiet siguri u l-ġbir tal-intelligence li jintegraw proġetti ewlenin ma' infrastruttura strateġika tat-trasport u tal-loġistika, bħall-kurituri tal-

mobbiltà militari transfruntiera u l-infrastruttura b'użu doppju.

Or. en

Emenda 3103
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) (-a) Attivitajiet spazjali ġodda relatati mas-sigurtà bħall-PNT, il-monitoraġġ tal-interferenza tal-frekwenza tar-radju, l-EOGS, il-komunikazzjonijiet siguri u l-ġbir tal-intelligence li jintegraw proġetti ewlenin ma' infrastruttura strateġika tat-trasport u tal-loġistika, bħall-kurituri tal-mobbiltà militari transfruntiera u l-infrastruttura b'użu doppju.

Or. en

Emenda 3104
Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.	(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi ***(inkluża l-infrastruttura tal-provvista tal-fjuwil)*** u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari***, inkluż bil-ħsieb li jinġabru u jiġu kondiviżi l-assi tal-mobbiltà militari kif ukoll bażijiet u stazzjonar militari***.

Or. en

Emenda 3105
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Mirosława Nykiel, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.	(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi***, inklużi r-riżervi tal-fjuwil u l-infrastruttura li takkumpanjahom*** u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari***, kif ukoll għal finijiet ta' użu doppju tul it-TEN-T u l-kurituri tal-Mobbiltà Militari***.

Or. en

Emenda 3106
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.	(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari***, inklużi l-kapaċitajiet tat-trasport għal merkanzija militari ta' daqs eċċessiv u ta' piż żejjed***.

Or. en

Emenda 3107
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR
Roberts Zīle
f'isem il-Kumitat għall-Baġits

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.	(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi***, inkluża l-infrastruttura tal-provvista tal-fjuwil,*** u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza espliċita għall-infrastruttura tal-provvista tal-fjuwil fl-elenkar tal-Kummissjoni tar-riżorsi loġistiċi u tat-trasport hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-qafas tal-mobbiltà militari tal-Artikolu 49 ikopri l-katina operazzjonali sħiħa.

Emenda 3108
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.	(b) L-assistenza lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-aċċess għar-riżorsi tat-trasport u loġistiċi ***(inkluża l-infrastruttura tal-provvista tal-fjuwil)*** u tagħmir li jista' jkun disponibbli mis-suq kummerċjali jew minn sorsi oħra għall-fini ta' appoġġ għall-mobbiltà militari.

Or. en

Emenda 3109
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) L-appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali rilevanti biex tiżdied il-kapaċità ferrovjarja, bħall-ERTMS u d-DAC.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3110
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Romana Jerković, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) L-appoġġ għas-saħħa militari, l-istat ta' tħejjija b'rabta mas-saħħa u l-bijosigurtà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi mill-ġdid l-emendi adottati fl-opinjoni tal-Kumitat SANT.

Emenda 3111
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Romana Jerković, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) It-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet għat-trasport ta' prodotti, komponenti u provvisti tad-difiża, b'mod partikolari għall-moviment sikur u effiċjenti ta' oġġetti ta' daqs eċċessiv, ta' piż żejjed u perikoluż.	(e) It-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet għat-trasport ta' prodotti, komponenti u provvisti tad-difiża, b'mod partikolari għall-moviment sikur u effiċjenti ta' oġġetti ta' daqs eċċessiv, ta' piż żejjed u perikoluż ***inklużi assi ta' bijodifiża u kontromiżuri Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi, u Nukleari (CBRN)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi mill-ġdid l-emendi adottati fl-opinjoni tal-Kumitat SANT.

Emenda 3112
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) It-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet għat-trasport ta' prodotti, komponenti u provvisti tad-difiża, b'mod partikolari għall-moviment sikur u effiċjenti ta' oġġetti ta' daqs eċċessiv, ta' piż żejjed u perikoluż.	(e) It-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet għat-trasport ta' prodotti, komponenti u provvisti tad-difiża, b'mod partikolari għall-moviment sikur u effiċjenti ta' oġġetti ta' daqs eċċessiv, ta' piż żejjed u perikoluż ***inklużi assi ta' bijodifiża u kontromiżuri Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi, u Nukleari (CBRN)***.

Or. en

Emenda 3113
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Roberts Zīle
f'isem il-Kumitat għall-Baġits

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-espansjoni tal-infrastruttura tal-fjuwil għal finijiet ta' mobbiltà militari, inklużi pipelines tal-fjuwil u faċilitajiet ta' ħżin, u l-integrazzjoni tagħha mas-sistema tal-fjuwil tan-NATO, filwaqt li tingħata prijorità lill-kurituri strateġiċi u liż-żoni b'esponiment għoli għal theddid militari konvenzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-espansjoni u l-integrazzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwil għal finijiet ta' mobbiltà militari huma identifikati mill-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0 bħala prijorità għall-prontezza tad-difiża tal-Unjoni, b'mod partikolari tul il-kurituri strateġiċi u fir-reġjuni esposti għal theddid militari konvenzjonali. Infrastruttura bħal din bħalissa mhijiex eliġibbli għal appoġġ taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. L-inklużjoni espliċita skont l-Artikolu 49 telimina diskrepanza dokumentata fil-finanzjament u tiżgura l-komplementarjetà mas-sistema tal-fjuwil tan-NATO.

Emenda 3114
Jüri Ratas

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-espansjoni tal-infrastruttura tal-fjuwil għal finijiet ta' mobbiltà militari (pipelines tal-fjuwil u tankijiet ta' ħżin) u fl-integrazzjoni tagħha mas-sistema tal-fjuwil tan-NATO li tagħti prijorità lill-kurituri strateġiċi u ż-żoni b'esponiment għoli għal theddid militari konvenzjonali.

Or. en

Emenda 3115
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-espansjoni tal-infrastruttura tal-fjuwil għal finijiet ta' mobbiltà militari (pipelines tal-fjuwil u tankijiet ta' ħżin) u fl-integrazzjoni tagħha mas-sistema tal-fjuwil tan-NATO li tagħti prijorità lill-kurituri strateġiċi u ż-żoni b'esponiment għoli għal theddid militari konvenzjonali.

Or. en

Emenda 3116
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Mirosława Nykiel, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-espansjoni tal-infrastruttura tal-enerġija għal finijiet ta' mobbiltà militari u fl-integrazzjoni tagħha mas-sistemi eżistenti li jagħtu prijorità lill-kurituri strateġiċi u liż-żoni b'esponiment għoli għal theddid militari konvenzjonali.

Or. en

Emenda 3117
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(f) ***It-tisħiħ*** tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) ***It-titjib u t-tisħiħ*** tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi***, inklużi l-infrastruttura kritika tat-trasport u dawk*** li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari***, inklużi l-portijiet għat-trasport rapidu u fuq skala kbira ta' tagħmir u persunal militari u passaġġi fuq l-ilma interni, minħabba l-kapaċità disponibbli u l-komplementarjetà intermodali tagħhom,*** speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari***,*** u dawk li għandhom impatt Ewropew ***sinifikanti bħal fuq kuritur Ewropew tat-Trasport***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3118
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu ***f'kuritur*** tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi ***u tal-faċilitajiet tal-enerġija*** li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu ***tul kuritur*** tal-mobbiltà militari u ***l-konnessjonijiet tagħhom ma' portijiet strateġiċi tal-baħar, interni u ferrovjarji,*** dawk li għandhom impatt Ewropew***, inklużi dawk iddeżinjati bħala infrastruttura strateġika b'użu doppju (SDI) f'konformità mal-[Proposta għal Regolament (UE) dwar il-Mobbiltà Militari]***.

Or. en

Emenda 3119
Bart Groothuis, João Cotrim De Figueiredo, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Andreas Glück, Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari***, bħall-portijiet għat-trasport fuq skala kbira u l-passaġġi fuq l-ilma interni għal kapaċità loġistika supplimentari jew ta' kontinġenza,*** speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-portijiet huma essenzjali għall-projezzjoni tal-forza fuq skala kbira, b'mod partikolari biex jirċievu u jwaqqfu tagħmir minn nazzjonijiet alleati. Il-passaġġi fuq l-ilma interni jipprovdu kapaċità loġistika supplimentari u ta' kontinġenza meta l-kurituri tal-art primarji jiġu mfixkla jew sfruttati żżejjed. Barra minn hekk, huma essenzjali għal tagħmir militari tqil u ta' daqs eċċessiv.

Emenda 3120
Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi***, inklużi l-infrastruttura kritika tat-trasport u dawk*** li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari***, il-Kurituri Ewropej tat-Trasport***, u dawk li għandhom impatt Ewropew.

Or. en

Emenda 3121
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew ***sinifikanti bħall-kurituri Ewropew tat-Trasport***.

Or. en

Emenda 3122
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari***, fuq kuritur Ewropew tat-Trasport*** u dawk li għandhom impatt Ewropew.

Or. en

Emenda 3123
Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari u dawk li għandhom impatt Ewropew.	(f) It-tisħiħ tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma strateġiċi għall-mobbiltà militari speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari***, dawk li jissodisfaw rekwiżiti ta' użu doppju*** u dawk li għandhom impatt Ewropew.

Or. en

Emenda 3124
Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) Il-protezzjoni, il-monitoraġġ u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tat-trasport, inklużi t-toroq, il-ferroviji, il-portijiet, l-ajruporti u s-sistemi diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-mobbiltà ċivili u militari.

Or. en

Emenda 3125
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) Il-protezzjoni, il-monitoraġġ u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tat-trasport, inklużi t-toroq, il-ferroviji, il-portijiet, l-ajruporti u s-sistemi diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-mobbiltà ċivili u militari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3126
Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) L-appoġġ għall-espansjoni ta' fjuwils alternattivi b'użu doppju għall-avjazzjoni, inklużi fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) u infrastruttura modulari relatata, li jikkontribwixxu kemm għall-awtonomija strateġika kif ukoll għall-prontezza militari, b'rikonoxximent li l-fjuwil tal-ġettijiet militari huwa derivat minn fjuwil tal-avjazzjoni ċivili b'additttivi speċifiċi għall-użu militari.

Or. en

Emenda 3127
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) L-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi robusti u sovrani li jippermettu l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-flussi tat-trasport ċivili u militari, b'mod partikolari fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' mobbiltà militari madwar l-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3128
Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) Appoġġ għall-infrastruttura tal-protezzjoni ċivili, inklużi l-bunkers u x-xelters.

Or. en

Emenda 3129
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-azzjonijiet skont dan l-Artikolu għandhom jiżguraw interoperabbiltà sħiħa man-networks tat-trasport trans-Ewropej u jikkontribwixxu għat-titjib tal-infrastruttura tat-trasport ċivili biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' użu doppju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 3130
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-attivitajiet ***se*** jiġu implimentati f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].	2. L-attivitajiet ***f'dan l-Artikolu għandhom*** jiġu implimentati ***f'komplementarjetà ma' dawk implimentati skont l-Artikolu 80 ta' dan ir-Regolament u*** f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].

Or. en

Emenda 3131
Bart Groothuis, João Cotrim De Figueiredo, Morten Løkkegaard, Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Andreas Glück, Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-attivitajiet se jiġu implimentati f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].	2. L-attivitajiet se jiġu implimentati f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE] ***u għandhom iqisu r-rekwiżiti u l-istandards rilevanti tal-mobbiltà militari tan-NATO***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kurituri tal-mobbiltà militari u l-istandards tal-infrastruttura qed jiġu żviluppati b'mod konġunt man-NATO. Hemm riskju li l-investimenti tal-UE fil-mobbiltà militari li ma jallinjawx mal-ippjanar tal-loġistika tan-NATO jibnu infrastruttura li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-alleanza. Din l-emenda tiżgura l-koerenza bejn il-finanzjament tal-UE u l-ħtiġijiet operazzjonali tan-NATO.

Emenda 3132
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-attivitajiet ***se*** jiġu implimentati f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].	2. L-attivitajiet ***f'dan l-Artikolu għandhom*** jiġu implimentati f'komplementarjetà ***ma' dawk implimentati skont l-Artikolu 80 ta' dan ir-Regolament u*** mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].

Or. en

Emenda 3133
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 49a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 49a
	Skema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża
	1. L-appoġġ għal parteċipanti ġodda, start-ups innovattivi, SMEs u scaleups għandu jieħu l-forma ta' Skema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS) iddedikata. L-EUDIS tista' tinkludi attivitajiet innovattivi u skalabbli li jistgħu jindirizzaw l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tad-difiża, inklużi dawk li jappoġġaw teknoloġiji rivoluzzjonarji u għal entitajiet uniċi (inklużi l-SMEs), bħal: eventi ta' tlaqqigħ u business coaching għall-innovaturi, mekkaniżmi ta' finanzjament aġli, sfidi ta' ttestjar tal-ambjent live, hackathons, appoġġ għal akkwist innovattiv, ta' mudelli ta' akkwist b'aġġornamenti iterattivi għal sistemi li qed jevolvu malajr u kwalunkwe azzjoni oħra għal ċikli iqsar tal-innovazzjoni, u l-integrazzjoni, il-validazzjoni u l-esperimentazzjoni tat-teknoloġija, kif

ukoll ċertifikazzjoni tal-prodotti). L-appoġġ jista' jiġi pprovdut permezz tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 45 sa 49 jew flimkien magħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment u l-operat ta' punti ta' kuntatt nazzjonali uniċi fl-Istati Membri, inklużi strutturi konsultattivi fil-livell nazzjonali u l-għoti ta' assistenza teknika, li għandhom jiġu ġestiti mill-Istati Membri, li jistgħu, għad-diskrezzjoni tagħhom, jestendu aktar tali servizzi konsultattivi fil-livell nazzjonali. Is-servizzi ta' konsulenza u l-assistenza teknika relatata ġestiti mill-Istat Membru skont dan l-Artikolu għandhom jikkostitwixxu azzjonijiet, eliġibbli għall-finanzjament fl-ambitu tal-FEK f'konformità mal-Artikolu 4(2), li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a). Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kondiviżjoni f'waqtha u effettiva tal-informazzjoni rilevanti mal-awtoritajiet konsultattivi nazzjonali, li tippermetti implimentazzjoni rapida u bla xkiel tal-aġġornamenti u tal-kundizzjonijiet tal-programmi fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali

Or. en

Emenda 3134
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 49a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 49a
	Skema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża
	1. L-appoġġ għal parteċipanti ġodda, start-ups innovattivi, SMEs u scaleups għandu jieħu l-forma ta' Skema tal-UE

għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS) iddedikata. L-EUDIS tista' tinkludi attivitajiet innovattivi u skalabbli li jistgħu jindirizzaw l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tad-difiża, inklużi dawk li jappoġġaw teknoloġiji rivoluzzjonarji u għal entitajiet uniċi (inklużi l-SMEs), bħal: eventi ta' tlaqqigħ u business coaching għall-innovaturi, mekkaniżmi ta' finanzjament aġli, sfidi ta' ttestjar tal-ambjent live, hackathons, appoġġ għal akkwist innovattiv, ta' mudelli ta' akkwist b'aġġornamenti iterattivi għal sistemi li qed jevolvu malajr u kwalunkwe azzjoni oħra għal ċikli iqsar tal-innovazzjoni, u l-integrazzjoni, il-validazzjoni u l-esperimentazzjoni tat-teknoloġija, kif ukoll ċertifikazzjoni tal-prodotti. L-appoġġ jista' jiġi pprovdut permezz tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 45 sa 49 jew flimkien magħhom. 2. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment u l-operat ta' punti ta' kuntatt nazzjonali uniċi fl-Istati Membri, inklużi strutturi konsultattivi fil-livell nazzjonali u l-għoti ta' assistenza teknika, li għandhom jiġu ġestiti mill-Istati Membri, li jistgħu, għad-diskrezzjoni tagħhom, jestendu aktar tali servizzi konsultattivi fil-livell nazzjonali. Is-servizzi ta' konsulenza u l-assistenza teknika relatata ġestiti mill-Istat Membru skont dan l-Artikolu għandhom jikkostitwixxu azzjonijiet, eliġibbli għall-finanzjament fl-ambitu tal-FEK f'konformità mal-Artikolu 4(2), li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a). Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kondiviżjoni f'waqtha u effettiva tal-informazzjoni rilevanti mal-awtoritajiet konsultattivi nazzjonali, li tippermetti implimentazzjoni rapida u bla xkiel tal-aġġornamenti u tal-kundizzjonijiet tal-programmi fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali.

Or. en

Emenda 3135
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 49a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 49a
	Parametri referenzjarji
	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom isaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-EDTIB permezz tal-miżuri previsti fil-Kapitolu VII, it-taqsima 2 ta' dan ir-Regolament, sabiex, sal-2034:
	(a) jiżguraw li mill-inqas 50 % tal-prodotti tad-difiża akkwistati fl-Unjoni ġejjin mill-akkwist komuni;
	(b) jiżguraw li minimu ta' 80 % tal-valur miżjud tal-prodotti tad-difiża mixtrija mill-Istati Membri joriġinaw mill-Unjoni, minn pajjiż assoċjat, jew mill-Ukrajna;
	(c) jiżguraw li t-tħejjija teknoloġika tal-prodotti tad-difiża Ewropej, inkluż f'termini ta' enerġija u tal-prestazzjoni tal-użu materjali, tjiebet b'mod sinifikanti u hija komparabbli mal-kapaċitajiet l-aktar avvanzati globalment jew oħla;
	(d) jiżguraw li l-prodotti tad-difiża Ewropej iddisinjati biex jintużaw jew jiġu skjerati fi kwalunkwe ġeografija jkunu reżiljenti għalkollox għat-tibdil fil-klima, inkluż għall-aktar eventi ta' temp estrem, u għar-riskju ta' nuqqas fil-provvista ta' fjuwils fossili;
	(e) jiżguraw li l-interoperabbiltà u l-interkambjabbiltà tal-prodotti tad-difiża manifatturati fl-Unjoni tjiebu b'mod sinifikanti, u li d-duplikazzjoni tal-isforzi permezz tal-iżvilupp parallel ta' prodotti ewlenin tad-difiża ewlenin komparabbli madwar l-Unjoni naqset b'mod sinifikanti;
	(f) jiżguraw li l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri għall-kontroll tal-

esportazzjonijiet ta' prodotti tad-difiża, f'konformità mal-kriterji tal-UE għall-esportazzjoni tal-armi kif stabbilit fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK, żdiedet b'mod sinifikanti.

Or. en

Emenda 3136
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Association) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3137
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Mirosława Nykiel, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) pajjiżi terzi oħra li magħhom l-Unjoni daħlet fi Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża.

Or. en

Emenda 3138

Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod komplimentari għad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 11, il-ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandu	***imħassar***
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;	
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;	
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.	

Or. en

Emenda 3139
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod komplimentari għad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 11, il-ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi	***imħassar***

għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandu

(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;

(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;

(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.

Or. en

Emenda 3140
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod komplimentari għad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 11, il-ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandu	***imħassar***
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;	
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll	

kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;

(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.

Or. en

Emenda 3141
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod komplimentari għad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 11, il-ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandu	***imħassar***
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;	
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;	
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.	

Or. en

Emenda 3142
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod komplimentari għad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 11, il-ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandu	***imħassar***
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;	
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;	
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tar-rapport tas-Sottokumitat SEDE. Wara d-dispożizzjonijiet tal-EDIP u tal-EDF.

Emenda 3143
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3144
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3145
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jispeċifika kif il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jiġu adattati, b'mod partikolari biex jippermettu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat iżda kkontrollati minn	***imħassar***

pajjiż terz ieħor jew minn entità ta' pajjiż terz ieħor;

Or. en

Emenda 3146
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3147
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3148
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3149
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3150
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi	***imħassar***

l-oħra.

Or. en

Emenda 3151
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3152
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi*** tad-difiża ***u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra.***	(c) ***ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u rekwiżiti tekniċi oħra meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-bażi industrijali u teknoloġika tal-Unjoni; meta l-azzjoni tikkonċerna prodotti, sistemi jew servizzi*** tad-difiża ***jew b'użu doppju maħsuba għall-użu flimkien mal-forzi, it-tagħmir jew l-infrastruttura tan-NATO, l-interoperabbiltà għandha tiġi vverifikata skont il-Ftehimiet ta' Standardizzazzjoni tan-NATO (STANAGs) applikabbli, il-kodiċijiet tal-kapaċità tal-Kmand Alleat għat-Trasformazzjoni u r-rekwiżiti tal-Qafas tal-Arkitettura tan-NATO, u l-awtorità tal-għoti għandha tiddokumenta din il-verifika fid-deċiżjoni tal-għoti;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

NATO interoperability is a legal and operational prerequisite for defence equipment co-funded under the ECF to be deployable in collective-defence scenarios. The Commission proposal references interoperability as an award criterion in Article 50(2)(c) but does not specify the standards framework against which interoperability is to be assessed. This creates legal uncertainty for contracting authorities and technical ambiguity for project promoters. The amendment makes the obligation concrete by referencing STANAG-based verification and requiring documentation in the award decision, consistent with the Union's commitment to NATO interoperability under the EU-NATO Joint Declaration and the Capability Development Plan of the European Defence Agency.

Emenda 3153
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Mirosława Nykiel, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra**.**	(c) jikkontribwixxi għal aktar standardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża ***f'konformità mal-istandards tan-NATO*** u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u ta' dawk il-pajjiżi terzi l-oħra

Or. en

Emenda 3154
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minbarra li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni ta' eliġibbiltà prevista fl-Artikolu*** 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi	1. ***B'deroga mill-Artikolu*** 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi inklużi ***f'dan l-Artikolu.***

inkluży ***fil-paragrafi 2 sa 6.***

Or. en

Emenda 3155
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni ta' eliġibbiltà prevista fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi ***inkluży fil-paragrafi 2 sa 6***.	1. Minbarra li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni ta' eliġibbiltà prevista fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi ***stabbiliti f'dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 3156
Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni ta' eliġibbiltà prevista fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi ***inkluży fil-paragrafi 2 sa 6***.	1. Minbarra li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni ta' eliġibbiltà prevista fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi ***stabbiliti f'dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 3157
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-riċevituri għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.	2. Ir-riċevituri ***għandhom ikunu stabbiliti u*** għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat. ***L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tar-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni involuti f'azzjoni li jintużaw għall-finijiet ta' dik l-azzjoni għandhom ikunu qegħdin fit-territorju ta' Stat Membru jew fl-Ukrajna għad-durata sħiħa tal-azzjoni.***

Or. en

Emenda 3158
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-riċevituri għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.	2. Ir-riċevituri għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat. ***L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tar-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni involuti f'azzjoni li jintużaw għall-finijiet ta' dik l-azzjoni għandhom ikunu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat għad-durata sħiħa tal-azzjoni.***

Or. en

Emenda 3159
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-riċevituri għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.	2. Ir-riċevituri ***tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom ikunu stabbiliti u*** għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.

Or. en

Emenda 3160
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-riċevituri għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.	2. Ir-riċevituri ***għandhom ikunu stabbiliti u*** għandu jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.

Or. en

Emenda 3161
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	2a. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom ikunu s-sidien tal-awtorità tat-tfassil, kif definit fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 3162
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2, entità legali stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli li tkun riċevitur ta' finanzjament mill-Unjoni jekk il-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita; inklużi miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452, isiru disponibbli għall-Kummissjoni.	3. B'deroga mill-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***, entità legali stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli li tkun riċevitur ta' finanzjament mill-Unjoni jekk il-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita; inklużi miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452, isiru disponibbli għall-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 3163
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2, entità legali stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli li tkun riċevitur ta' finanzjament mill-	3. B'deroga mill-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***, entità legali stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli li tkun riċevitur ta' finanzjament

Unjoni jekk il-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita; ***inklużi*** miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452, isiru disponibbli għall-Kummissjoni.	mill-Unjoni jekk il-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita; ***bħal*** miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452, isiru disponibbli għall-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 3164
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta r-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni involuti f'azzjoni ma jkollhomx alternattivi jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti lesti għad-dispożizzjoni tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi jew ir-riżorsi tagħhom li jinsabu jew li jinżammu barra mit-territorju tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi assoċjati, dment li tali użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, u jkun konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d)(2). Il-kostijiet relatati mal-attivitajiet li jużaw tali infrastruttura, faċilitajiet, assi jew riżorsi ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond.

Or. en

Emenda 3165
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Dawn il-miżuri tal-garanziji*** għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak ***is-subparagrafu*** ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V ***tat-TEU***.	4. ***Il-garanziji msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*** għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak ***il-paragrafu*** ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V ***tat-TUE, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, jew l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3166
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Dawn il-miżuri tal-garanziji*** għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak ***is-subparagrafu*** ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V ***tat-TEU***.	4. ***Il-garanziji msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*** għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak ***il-paragrafu*** ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V ***tat-TUE, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat jew l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3167

Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann, Ana Catarina Mendes, José Cepeda, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Thijs Reuten, Jens Geier, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Thomas Pellerin-Carlin, Riho Terras, Javi López

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Dawn il-miżuri tal-garanziji*** għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak ***is-subparagrafu*** ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V ***tat-TEU***.	4. ***Il-garanziji msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*** għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment f'azzjoni ta' entità legali kif imsemmi f'dak ***il-paragrafu*** ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V ***tat-TUE, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat jew l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3168
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-garanziji kif imsemmija ***fl-ewwel subparagrafu*** għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:	5. Il-garanziji kif imsemmija ***fil-paragrafu 4*** għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:

Or. en

Emenda 3169
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-garanziji kif imsemmija ***fl-ewwel subparagrafu*** għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:	5. Il-garanziji kif imsemmija ***fil-paragrafu 2*** għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:

Or. en

Emenda 3170
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġi evitat aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni sensittiva relatata mal-azzjoni u l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew minn pajjiż assoċjat, fejn xieraq;	(b) jiġi evitat aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni ***klassifikata jew*** sensittiva relatata mal-azzjoni u l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew minn pajjiż assoċjat, fejn xieraq***, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali***;

Or. en

Emenda 3171
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġi evitat aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni sensittiva relatata mal-azzjoni u l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew	(b) jiġi evitat aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni ***klassifikata jew*** sensittiva relatata mal-azzjoni u l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat

minn pajjiż assoċjat, fejn xieraq;	Membru jew minn pajjiż assoċjat, fejn xieraq***, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali***;

Or. en

Emenda 3172
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-sjieda tal-propjetà intellettwali li tkun ġejja mill-azzjoni, u r-riżultati tagħha, jibqgħu tar-riċevitur matul l-azzjoni u, wara li din titlesta, ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, u la jiġu esportati barra mill-Unjoni jew barra minn pajjiżi assoċjati u lanqas ma jkunu aċċessibbli minn barra l-Unjoni jew minn barra l-pajjiżi assoċjati mingħajr l-approvazzjoni tal-Istat Membru jew il-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-entità legali ***u*** f'konformità mal-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3.	(c) is-sjieda tal-propjetà intellettwali li tkun ġejja mill-azzjoni, u r-riżultati tagħha, jibqgħu tar-riċevitur matul l-azzjoni u, wara li din titlesta, ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, u la jiġu esportati barra mill-Unjoni jew barra minn pajjiżi assoċjati u lanqas ma jkunu aċċessibbli minn barra l-Unjoni jew minn barra l-pajjiżi assoċjati mingħajr l-approvazzjoni tal-Istat Membru jew il-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-entità legali***,*** f'konformità mal-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3 ***u l-kriterji stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK u b'mod partikolari l-kriterju ħamsa dwar is-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri u tat-territorji li r-relazzjonijiet esterni tagħhom huma r-responsabbiltà ta' Stat Membru***.

Or. en

Emenda 3173
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
(b) L-objettivi, il-prijoritajiet u r-riżultati mistennija stabbiliti għall-azzjoni rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-evalwazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma: (i) il-kontribut għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża, (ii) il-kapaċitajiet tal-innovazzjoni, (iii) il-kooperazzjoni transfruntiera***, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jġibu*** valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, (iv) il-kompetittività, (v) iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u d-disponibbiltà, (vi) it-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-produzzjoni, (v) iż-żieda fl-interoperabbiltà, (vii) iż-żieda fl-interkambjabbiltà u (viii) is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'reazzjoni għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari l-esponiment għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali.	(b) L-objettivi, il-prijoritajiet u r-riżultati mistennija stabbiliti għall-azzjoni rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-evalwazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma: (i) il-kontribut għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża, (ii) il-kapaċitajiet tal-innovazzjoni, (iii) il-kooperazzjoni transfruntiera ***li b'mod dimostrabbli ġġib*** valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, ***b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja,*** (iv) il-kompetittività, (v) iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u d-disponibbiltà, (vi) it-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-produzzjoni, (v) iż-żieda fl-interoperabbiltà, (vii) iż-żieda fl-interkambjabbiltà u (viii) is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'reazzjoni għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari l-esponiment għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali.

Or. en

Emenda 3277
Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-objettivi, il-prijoritajiet u r-	(b) L-objettivi, il-prijoritajiet u r-

riżultati mistennija stabbiliti għall-azzjoni rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-evalwazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma: (i) il-kontribut għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża, (ii) il-kapaċitajiet tal-innovazzjoni, (iii) ***il-kooperazzjoni*** transfruntiera, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jġibu valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, (iv) il-kompetittività, (v) iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u d-disponibbiltà, (vi) it-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-produzzjoni, (v) iż-żieda fl-interoperabbiltà, (vii) iż-żieda fl-interkambjabbiltà u (viii) is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'reazzjoni għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari l-esponiment għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali.	riżultati mistennija stabbiliti għall-azzjoni rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-evalwazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma: (i) il-kontribut għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża, (ii) il-kapaċitajiet tal-innovazzjoni, (iii) ***il-firxa tal-kooperazzjoni*** transfruntiera, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jġibu valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, (iv) il-kompetittività, (v) iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u d-disponibbiltà, (vi) it-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-produzzjoni, (v) iż-żieda fl-interoperabbiltà, (vii) iż-żieda fl-interkambjabbiltà u (viii) is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'reazzjoni għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari l-esponiment għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali.

Or. en

Emenda 3278
Jüri Ratas

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) (a-) Il-koerenza mal-oqsma ta' kapaċità ta' prijorità kif definiti mis-CDP; Il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Or. en

Emenda 3279
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minbarra l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, il-proposti għal attivitajiet skont l-Artikolu 46 għandhom jiġu vvalutati abbażi ta':
	(a) il-kontribut tagħhom għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża;
	(b) il-kontribut tagħhom għall-interoperabbiltà, l-interkambjabbiltà jew l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.
	Il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika kriterji addizzjonali, bħal:
	(a) il-kontribut għall-innovazzjoni jew il-potenzjal rivoluzzjonarju tal-industrija tad-difiża Ewropea, b'mod partikolari billi jintwera li l-azzjoni proposta tinkludi kunċetti u approċċi innovattivi jew ġodda li qatt ma kienu ġew applikati fis-settur tad-difiża;
	(b) il-kontribut għall-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea billi jinħolqu opportunitajiet ġodda għas-suq fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha u jiġi aċċellerat it-tkabbir ta' kumpaniji fl-Unjoni kollha;
	(c) il-kontribut għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq sorsi mhux tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni b'rispons għar-riskji identifikati;
	(d) il-kontribut għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet legali stabbiliti fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li jġibu valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, bħala riċevituri, sottokuntratturi involuti fl-azzjoni jew bħala entitajiet legali oħra fil-katina tal-provvista;
	(e) il-kontribut għall-integrazzjoni ulterjuri tal-industrija tad-difiża Ewropea

fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu konġunt, is-sjieda jew il-manutenzjoni tal-prodott jew tat-teknoloġija finali;

(f) il-kontribut biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati bl-ogħla esponiment għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali;

(g) il-kontribut għat-titjib taċ-ċirkolarità u għat-tnaqqis tal-intensità tal-karbonju tal-materjal jew tal-prodotti użati.

Għall-attivitajiet skont l-Artikolu 46(1), il-punti (a) u (b), għandhom jiġu applikati l-kriterji (d) u (e) imsemmija fis-subparagrafu preċedenti.

Or. en

Emenda 3280
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minbarra l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, il-proposti għal attivitajiet skont l-Artikolu 46 għandhom jiġu vvalutati abbażi ta':
	(a) il-kontribut tagħhom għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża;
	(b) il-kontribut tagħhom għall-interoperabbiltà, l-interkambjabbiltà jew l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.
	Il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika kriterji addizzjonali, bħal:
	(a) il-kontribut għall-innovazzjoni jew il-potenzjal rivoluzzjonarju tal-industrija tad-difiża Ewropea, b'mod partikolari billi jintwera li l-azzjoni proposta tinkludi kunċetti u approċċi innovattivi jew ġodda

li qatt ma kienu ġew applikati fis-settur tad-difiża;

(b) il-kontribut għall-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea billi jinħolqu opportunitajiet ġodda għas-suq fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha u jiġi aċċellerat it-tkabbir ta' kumpaniji fl-Unjoni kollha;

(c) il-kontribut għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq sorsi mhux tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni b'rispons għar-riskji identifikati;

Or. en

Emenda 3281
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Minbarra l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, il-proposti għal attivitajiet skont l-Artikolu 47 għandhom jiġu vvalutati abbażi ta':
	(a) il-kontribut tagħha għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq sorsi mhux tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża;
	(b) il-kontribut għall-iżgurar tad-disponibbiltà u s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'rispons għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari esponiment għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali;
	(c) il-kontribut għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet legali stabbiliti fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li jġibu valur miżjud sostanzjali

għall-azzjoni, bħala riċevituri, sottokuntratturi involuti fl-azzjoni jew bħala entitajiet legali oħra fil-katina tal-provvista;

Il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika kriterji addizzjonali.

Or. en

Emenda 3282
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Minbarra l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, il-proposti għal attivitajiet skont l-Artikolu 48 għandhom jiġu vvalutati abbażi ta':
	(a) l-għadd ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati parteċipanti;
	(b) il-kontribut tal-azzjoni għall-adattament, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-EDTIB fl-Unjoni kollha;
	(c) il-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.
	Il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika kriterji addizzjonali.

Or. en

Emenda 3283
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ ċarezza, fil-forma attwali tiegħu dan ma jistax jiġi appoġġjat.

Emenda 3284
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Is-sjieda tar-riżultat ta' azzjonijiet ta' riċerka li jkunu appoġġati mill-FEK għandha tkun tar-riċevituri li jiġġenerawhom. Meta l-entitajiet legali jiġġeneraw riżultati b'mod konġunt u meta l-kontributi rispettivi tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu aċċertati, jew meta ma jkunx possibbli li ssir separazzjoni ta' tali riżultati konġunti, l-entitajiet legali għandu jkollhom sjieda konġunta tar-riżultati. Is-sidien konġunti għandhom jidħlu fi ftehim rigward l-allokazzjoni tal-ishma tagħhom u t-termini ta' kif jeżerċitaw is-sjieda konġunta tagħhom, f'konformità mal-obbligi tagħhom fl-ambitu tal-ftehim ta' għotja. L-Unjoni la għandu jkollha sjieda tal-prodotti jew it-teknoloġiji tad-difiża li jirriżultaw mill-azzjonijiet ta' riċerka appoġġati mill-Fond, u lanqas ma għandu jkollha xi pretensjonijiet għal dritt tal-proprjetà intellettwali relatat ma'dawk l-azzjonijiet.

Or. en

Emenda 3285
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti għandhom igawdu, fuq talba, ***drittijiet ta' aċċess*** mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha ***u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet interessati mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja***.	1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti għandhom igawdu, fuq talba, ***rapport speċjali*** mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha.

Or. en

Emenda 3286
Oliver Schenk, Marion Walsmann, Hildegard Bentele

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti ***għandhom igawdu***, fuq talba, drittijiet ta' aċċess ***mingħajr royalties*** għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza ***tagħha u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri*** jagħtu***, liċenzji*** mhux esklużivi lil partijiet terzi ***biex jisfruttaw ir-riżultati*** b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu ***stabbiliti fir-relazzjonijiet kuntrattwali*** bejn il-partijiet interessati ***mingħajr ebda***	1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti ***jistgħu***, fuq talba ***u meta debitament ġustifikat***, ***jingħataw*** drittijiet ta' aċċess għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza ***tagħhom. Ir-riċevituri jistgħu wkoll jiġu mistiedna*** jagħtu ***liċenzji*** mhux esklużivi lil partijiet terzi b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu ***miftiehma*** bejn il-partijiet interessati ***u speċifikati*** fil-ftehim ta' għotja. ***Tali drittijiet ta' aċċess ma għandhomx***

dritt ta' sottoliċenzjar sakemm ma jkunx speċifikat ***mod ieħor*** fil-ftehim ta' għotja.	***jestendu għall-għarfien espert proprjetarju tal-proċess tal-manifattura, is-sigrieti kummerċjali jew id-data tal-manifattura speċifika għall-klijent, sakemm l-aċċess għal tali informazzjoni ma jkunx strettament meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi debitament ġustifikati tas-sigurtà jew tad-difiża tal-Unjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tipprovdi ċertezza legali akbar għall-investituri privati u żżomm l-inċentivi għall-investiment privat, filwaqt li tippreżerva l-interess pubbliku u l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni.

Emenda 3287
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti għandhom igawdu, fuq talba, drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet interessati mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.	1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti għandhom igawdu, fuq talba, drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet interessati mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja. ***L-aċċess għandu jkun limitat għall-użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv. Aktar drittijiet tal-utenti għandhom ikunu***

soġġetti għal akkwist separat.

Or. en

Emenda 3288
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom igawdu mid-drittijiet ta' aċċess għar-rapporti speċjali ta' attivitajiet iffinanzjati skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawn id-drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati, wara li l-Kummissjoni tkun żgurat li hemm obbligi xierqa ta' kunfidenzjalità fis-seħħ.	(a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom igawdu mid-drittijiet ta' aċċess għar-rapporti speċjali ta' attivitajiet iffinanzjati skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawn id-drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati, wara li l-Kummissjoni tkun żgurat li hemm obbligi xierqa ta' kunfidenzjalità fis-seħħ. ***L-aċċess għandu jkun limitat għall-użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv. Aktar drittijiet tal-utenti għandhom ikunu soġġetti għal akkwist separat.***

Or. en

Emenda 3289
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom igawdu mid-drittijiet ta' aċċess għar-rapporti speċjali ta' attivitajiet ***iffinanzjati*** skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawn id-drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u	(a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom igawdu mid-drittijiet ta' aċċess għar-rapporti speċjali ta' attivitajiet ***ta' riċerka ffinanzjati*** skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawn id-drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr

jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati, wara li l-Kummissjoni tkun żgurat li hemm obbligi xierqa ta' kunfidenzjalità fis-seħħ.	royalties u jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati, wara li l-Kummissjoni tkun żgurat li hemm obbligi xierqa ta' kunfidenzjalità fis-seħħ.

Or. en

Emenda 3290
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati għandhom jużaw ir-rapport speċjali biss għal finijiet ***relatati mal-użu mill-forzi armati jew il-forzi tas-sigurtà jew tal-intelligence tagħhom, jew għalihom,*** inkluż fil-qafas tal-programmi koperattivi tagħhom. Tali użu għandu jinkludi l-istudju, l-evalwazzjoni, il-valutazzjoni, ir-riċerka, id-disinn, l-aċċettazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, it-tħaddim, it-taħriġ u r-rimi kif ukoll il-valutazzjoni u l-abbozzar ta' rekwiżiti tekniċi għall-akkwist.	(b) L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati għandhom jużaw ir-rapport speċjali biss għal finijiet ***ta' difiża jew għas-sigurtà jew għall-forzi tal-intelligence tagħhom u tal-Unjoni,*** inkluż fil-qafas tal-programmi koperattivi tagħhom. Tali użu għandu jinkludi l-istudju, l-evalwazzjoni, il-valutazzjoni, ir-riċerka, id-disinn, l-aċċettazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, it-tħaddim, it-taħriġ u r-rimi kif ukoll il-valutazzjoni u l-abbozzar ta' rekwiżiti tekniċi għall-akkwist.

Or. en

Emenda 3291
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Meta żewġ Stati Membri jew pajjiżi assoċjati jew aktar, b'mod multilaterali jew fil-qafas tal-Unjoni, ikunu kkonkludew b'mod konġunt kuntratt wieħed jew aktar ma' riċevitur wieħed jew aktar biex	(c) Meta żewġ Stati Membri jew pajjiżi assoċjati jew aktar, b'mod multilaterali jew fil-qafas tal-Unjoni, ikunu kkonkludew b'mod konġunt kuntratt wieħed jew aktar ma' riċevitur wieħed jew aktar biex

ikomplu jiżviluppaw flimkien ir-riżultati tal-attivitajiet appoġġati mill-Fond skont l-Artikolu 45, il-paragrafu 1, il-punt (b), huma għandhom igawdu drittijiet ta' aċċess għal dawk ir-riżultati inkwantu jkunu proprjetà ta' tali riċevituri u jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew kuntratti. Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u taħt kundizzjonijiet speċifiċi bl-għan li jiġi żgurat li dawk id-drittijiet jintużaw biss għall-finijiet tal-kuntratt jew kuntratti u li jiġu stabbiliti obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa.	ikomplu jiżviluppaw flimkien ir-riżultati tal-attivitajiet ***ta' riċerka*** appoġġati mill-Fond skont l-Artikolu 45, il-paragrafu 1, il-punt (b), huma għandhom igawdu drittijiet ta' aċċess għal dawk ir-riżultati inkwantu jkunu proprjetà ta' tali riċevituri u jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew kuntratti. Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mingħajr royalties u taħt kundizzjonijiet speċifiċi bl-għan li jiġi żgurat li dawk id-drittijiet jintużaw biss għall-finijiet tal-kuntratt jew kuntratti u li jiġu stabbiliti obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa.

Or. en

Emenda 3292
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3293
Bart Groothuis, João Cotrim De Figueiredo, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Andreas Glück, Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.	(d) Għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, ***skont l-Artikolu 44(1), il-punt (b),*** id-drittijiet ta' aċċess ***u d-drittijiet għall-użu għal finijiet ta' difiża*** għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kofinanzjament tal-Istati Membri bħalissa jirċievi drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-iżvilupp iżda mhux id-dritt li jużahom għal skopijiet ta' difiża. Dan joħloq diskrepanza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja li jagħmlu l-Istati Membri u l-benefiċċju prattiku li jirċievu. Din l-emenda tallinja d-drittijiet mal-kontribuzzjoni billi tagħti drittijiet ta' użu għal finijiet ta' difiża u tiċċara t-termini li taħthom jiġu eżerċitati dawk id-drittijiet.

Emenda 3294
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni b'kundizzjonijiet	(d) Għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' ***prodotti,*** teknoloġiji u kapaċitajiet tad-difiża, id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-

ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.

azzjoni b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stabbiliti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.

Or. en

Emenda 3295
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Għal azzjonijiet li jappoġġaw it-tisħiħ industrijali tad-difiża, l-espansjoni, jew l-istabbiliment ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi, il-Kummissjoni għandha titħalla tipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati bid-dokumentazzjoni tal-azzjoni rilevanti fuq talba sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet.	(e) Għal azzjonijiet li jappoġġaw it-tisħiħ industrijali tad-difiża, l-espansjoni, jew l-istabbiliment ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi, il-Kummissjoni għandha titħalla tipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati bid-dokumentazzjoni tal-azzjoni rilevanti fuq talba sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet ***mingħajr ir-riskju fi kwalunkwe ħin li r-riżultati jew informazzjoni kunfidenzjali jiġu żvelati jew isiru pubbliċi***.

Or. en

Emenda 3296
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Għal azzjonijiet li jappoġġaw it-tisħiħ industrijali tad-difiża, l-espansjoni,	(e) Għal azzjonijiet li jappoġġaw it-tisħiħ industrijali tad-difiża, l-espansjoni,

jew l-istabbiliment ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi, il-Kummissjoni għandha titħalla tipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati bid-dokumentazzjoni tal-azzjoni rilevanti fuq talba sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet.	jew l-istabbiliment ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi, il-Kummissjoni għandha titħalla tipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati bid-dokumentazzjoni tal-azzjoni rilevanti fuq talba sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet ***mingħajr ir-riskju fi kwalunkwe ħin li r-riżultati jew informazzjoni kunfidenzjali jiġu żvelati jew isiru pubbliċi***.

Or. en

Emenda 3297
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jinkludu d-dritt li entitajiet legali oħra stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati f'isimhom, b'kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità fejn xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3298
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jinkludu d-dritt li entitajiet legali oħra stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati f'isimhom, b'kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità fejn xieraq.	(g) Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jinkludu d-dritt li entitajiet legali oħra stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati f'isimhom, b'kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità fejn xieraq. ***L-awtorità ta' finanzjament għandu jkollha d-dritt li***

tawtorizza entitajiet legali oħra stabbiliti fl-Unjoni jew f'Pajjiżi Assoċjati biex jużaw ir-riżultati f'isimhom, b'kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità fejn xieraq, u soġġett għal kumpens ġust u raġonevoli.

Or. en

Emenda 3299
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Kwalunkwe*** trasferiment ***tas-sjieda tar-riżultati***, jew l-għoti ta' liċenzji esklużivi għar-riżultati, ***iġġenerati b'appoġġ għal*** entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati jew ***għal*** entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati ***għandu jkun soġġett għal notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż assoċjat, li jseħħu fi żmien 3 snin wara l-aħħar pagament tal-azzjoni, b'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi*** tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.	3. ***Ir-riżultati ta' azzjonijiet ta' riċerka u żvilupp appoġġati mill-Fond ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, direttament, jew indirettament, permezz ta' entità legali intermedjarja waħda jew aktar, inkluż f'termini ta'*** trasferiment ***tat-teknoloġija. B'rabta mar-riżultati ġġenerati mir-riċevituri permezz ta' azzjonijiet ta' żvilupp appoġġati mill-Fond***, jew l-għoti ta' liċenzji esklużivi għar-riżultati, ***il-Kummissjoni għandha tkun notifikata qabel kwalunkwe trasferiment ta' sjieda lil*** entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati jew ***lil*** entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati***. Fejn tali trasferiment ta' sjieda jmur kontra l-interessi*** tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni ***u tal-Istati Membri tagħha jew kontra l-objettivi ta' dan ir-regolament, l-appoġġ mogħti mill-Fond għandu jiġi rimborżat***. ***Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-esportazzjoni ta' prodotti, tagħmir jew teknoloġiji li jintegraw ir-riżultati ta' azzjonijiet ta' riċerka appoġġati mill-Fond, u ma għandhomx jaffettwaw id-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika tagħhom dwar l-esportazzjoni***

ta' prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 3300
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bord ***Konsultattiv*** Industrijali għad-Difiża	Bord ***ta' Tmexxija*** Industrijali għad-Difiża

Or. en

Emenda 3301
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bord ***Konsultattiv*** Industrijali għad-Difiża	Bord ***ta' Tmexxija*** Industrijali għad-Difiża

Or. en

Emenda 3302
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ***Konsultattiv*** Industrijali għad-Difiża huwa b'dan stabbilit.	1. Bord ***ta' Tmexxija*** Industrijali għad-Difiża huwa b'dan stabbilit.

Or. en

Emenda 3303
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ***Konsultattiv*** Industrijali għad-Difiża huwa b'dan stabbilit.	1. Bord ***ta' Tmexxija*** Industrijali għad-Difiża huwa b'dan stabbilit.

Or. en

Emenda 3304
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa ***għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar*** l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa ***jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, joħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża*** l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża ***inklużi l-prijoritajiet strateġiċi tiegħu, l-orjentazzjoni lejn l-implimentazzjoni u l-konsistenza mal-parametri referenzjarji deskritti fl-Artikolu 49a***.

Or. en

Emenda 3305
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri ***konkreti u pariri strateġiċi, fuq inizjattiva proprja,*** u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri*** skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment ***u riċerka*** fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża ***abbażi tal-użu tal-programmi ta' ħidma***.

Or. en

Emenda 3306
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża**.**	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri ***konkreti*** u ***pariri strateġiċi, fuq inizjattiva proprja,*** rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri*** skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment ***u riċerka*** fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża ***abbażi tal-użu tal-programmi ta' ħidma***.

Or. en

Emenda 3307
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa

li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.	li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment ***u riċerka*** fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.

Or. en

Emenda 3308
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jipprovdi b'mod partikolari pariri dwar l-istrateġija ta' investiment ***u riċerka*** fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża.

Or. en

Emenda 3309
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.	3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed. ***Il-Bord għandu jkun ippresedut minn rappreżentant ta' Stat Membru fuq bażi***

ta' rotazzjoni ta' sitt xhur. L-opinjonijiet tiegħu dwar il-prijoritajiet ta' investiment pluriennali u dwar l-identifikazzjoni ta' Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni skont l-Artikolu 45 għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew; il-Kummissjoni għandha tiġġustifika bil-miktub kwalunkwe devjazzjoni minn dawk l-opinjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża huwa l-mezz istituzzjonali prinċipali għall-kontribut tal-Istati Membri fl-istrateġija ta' investiment fuq terminu twil tat-tieqa tal-politika tad-difiża. Il-Presidenza tal-Istati Membri fuq bażi ta' rotazzjoni, it-trasparenza tal-opinjonijiet fil-konfront tal-Parlament Ewropew, u d-dmir li jiġu ddikjarati r-raġunijiet meta l-Kummissjoni titbiegħed minn dawk l-opinjonijiet, huma salvagwardji proċedurali proporzjonati. Dawn jirriflettu l-prinċipju li d-difiża hija qasam ta' kompetenza tal-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tat-TUE u jiżguraw responsabbiltà adegwata lejn il-Parlament Ewropew.

Emenda 3310
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.	3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija***, tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew***. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.

Or. en

Emenda 3311
Jens Gieseke, David McAllister

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.	3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed. ***Il-Bord għandu jikkonsulta, fejn rilevanti, rappreżentanti tal-industrija ta' livell għoli.***

Or. en

Emenda 3312
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord ***Konsultattiv*** Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni ***u*** tar-Rappreżentant Għoli***/Kap tal-Aġenzija***. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.	3. Il-Bord ***ta' Tmexxija*** Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri ***kollha***, tal-Kummissjoni***,*** tar-Rappreżentant Għoli***,*** ***tar-rappreżentanti tal-EUMC, l-EDA u rappreżentanti tal-Parlament Ewropew***. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.

Or. en

Emenda 3313
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord ***Konsultattiv*** Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni ***u*** tar-Rappreżentant Għoli***/Kap tal-Aġenzija***. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.	3. Il-Bord ***ta' Tmexxija*** Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri ***kollha***, tal-Kummissjoni***,*** tar-Rappreżentant Għoli***, tar-rappreżentanti tal-EUMC, l-EDA u rappreżentanti tal-Parlament Ewropew***. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant sostitut wieħed.

Or. en

Emenda 3314
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill. Is-segretarjat tal-Bord għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni. L-Istati Membri biss għandu jkollhom drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 3315
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru li jkollu l-presidenza

b'rotazzjoni tal-Kunsill. Is-segretarjat tal-Bord għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni. L-Istati Membri biss għandu jkollhom drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 3316
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jiltaqa' kull meta s-sitwazzjoni tkun tirrikjedi dan, fuq talba mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru jew pajjiż assoċjat. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi ta' proposta mressqa mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 3317
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jiltaqa' kull meta s-sitwazzjoni tkun tirrikjedi dan, fuq talba mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru jew pajjiż assoċjat. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi ta' proposta mressqa mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 3318
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Mill-inqas darba fis-sena, il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti minn assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-industrija tad-difiża u rappreżentanti industrijali magħżula biex jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-ħidma tiegħu, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata.

Or. en

Emenda 3319
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Mill-inqas darba fis-sena, il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti minn assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-industrija tad-difiża u rappreżentanti industrijali magħżula biex jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-ħidma tiegħu, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata.

Or. en

Emenda 3320
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. Il-pajjiżi assoċjati għandu jkollhom id-dritt li jsiru membri tal-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża, mingħajr drittijiet tal-vot, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, dment li dawn il-pajjiżi ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Or. en

Emenda 3321
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. Il-pajjiżi assoċjati għandu jkollhom id-dritt li jsiru membri tal-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża, mingħajr drittijiet tal-vot, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, dment li dawn il-pajjiżi ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Or. en

Emenda 3322
Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Bart Groothuis, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3e. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-inklużività u tipprovdi lill-membri tal-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża aċċess ugwali għall-informazzjoni sabiex tiżgura li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża, jirrifletti s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura t-trattament u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni klassifikata u sensittiva.

Or. en

Emenda 3323
Jüri Ratas, Riho Terras, Sven Mikser, Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3e. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-inklużività u tipprovdi lill-membri tal-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża aċċess ugwali għall-informazzjoni sabiex tiżgura li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża, jirrifletti s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha. Il-Bord ta' Tmexxija Industrijali għad-Difiża għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura t-trattament u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni klassifikata u sensittiva.

Or. en